# L-UNJONI EWROPEA TIBDA KAMPANJA KONTRA D-DIFFERENZA FIL-PAGI BEJN L-IRĠIEL U N-NISA

*Minn Mark Demartino*

Il-kunċett ta' paga ugwali għal xogħol ugwali huwa wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-Unjoni Ewropea. Fit-3 ta' Marzu 2009, l-Unjoni Ewropea nediet kampanja ta' informazzjoni fil-pajjiżi membri dwar id-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa. Teżisti differenza bejn dak li jaqalgħu l-irġiel għal kull siegħa xogħol u dak li jaqalgħu n-nisa. Fl-Ewropa, in-nisa jaqalgħu bħala medja 17% inqas minn dak li jaqalgħu l-irġiel u f'ċerti pajjiżi din id-differenza qed tiżdied. Id-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa hija konsegwenza ta' diskriminazzjoni u inugwaljanzi fis-suq tax-xogħol li, fil-prattika, ġeneralment jaffettwaw lin-nisa u jwasslu sabiex ikollhom pensjoni inqas u għal riskju akbar ta' faqar f'nisa li huma ixjeħ. Id-differenza fil-pagi hija marbuta ma' numru ta' fatturi legali, soċjali u ekonomiċi.

L-Unjoni Ewropea għandha programm għall-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għall-perijodu 2006-2010, li jpoġġi sitt prijoritajiet għall-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Waħda mill-prijoritajiet hi li jkun hemm indipendenza ekonomika indaqs għall-irġiel u għan-nisa u għalhekk li tiġi eliminata d-differenza fil-pagi huwa għan ewlieni. F'komunikazzjoni addottata mill-Kummissjoni Ewropea fl-2007 ġew imressqa numru ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu biex tiġi megħluba l-problema: li tiġi assikurata applikazzjoni aħjar tal-liġijiet li diġà jeżistu, li l-pajjiżi membri jintegraw il-ġlieda kontra d-differenzi fil-pagi fil-politika tagħhom dwar l-impjiegi, li tiġi promossa l-ugwaljanza fil-paga ma' min iħaddem u li għandu jkun hemm skambju ta' prattiċi tajba bejn il-Pajjiżi Membri.



Il-Kummisjoni Ewropea qegħda taħdem mal-pajjiżi Membri, il-Parlament Ewropew u l-imsieħba soċjali fl-Ewropa sabiex id-diskriminazzjoni fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa tiġi indirizzata. Il-Parlament Ewropew ukoll jikkunsidra l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni fil-pagi bħala prijorità. Riċentement ġiet approvata resoluzzjoni b'talbiet u rakkomandazzjonijiet lill-Kummisjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza fil-pagi għall-irġiel u għan-nisa. L-Unjoni Ewropea għandha pjan għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel għall-perijodu 2006-2010 li għandu sitt prijoritajiet għall-azzjoni fis-settur tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Waħda minn dawn il-prijoritajiet hija li jkun hemm l-istess livell ta' indipendenza finanzjarja għall-irġiel u n-nisa. Il-Kummissjoni Ewropea qegħda tanalizza l-effett tal-liġi komunitarja fuq l-ugwaljanza fil-pagi. Skont ir-riżultat tal-analiżi, il-Kummissjoni Ewropea tiddeċiedi jekk għandhiex tippreżenta proposti għal liġijiet ġodda.


MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee

*280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT1112*
*2590 9101*
*info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*